# BEATI U QADDISIN...APRIL

## BEATA KJARA GAMBACORTI (ARMLA DUMNIKANA)
## 17 TA' APRIL


B. CHIARA GAMBACORTA, 1362-1420
*17 aprile, monaca*

Fost il-qaddisin li ma cedewx ghar-rieda tal-ġenituri taghhom Tora (Theodora) kienet wahda minnhom. Twieldet fis-sena 1362 probabilment gewwa Firenze. Bint Pietru Gambacorti, bniedem ta' influwenza kbira fil-belt ta 'Pisa, Tora, fl-eta' ta' sebgha snin, giet imwieghda lil certu Simone, bniedem sinjur, bhala l-gharusa tieghu.

Tora, pero' kienet diga bil-mohbi wieghdet lil Alla li tidhol soru. Poggewlha c-curkett ta' l-gherusija f'subghajha, li hija nehhiet waqt li talbet, sabiex ma "toffendix" lil Alla. Madanakollu, minhabba l-eta' zaghzugha taghha, Tora ma rnexxilhiex tirribella kontra missierha. Hekk ta' tnax-il sena sabet ruhha fil-kastell ta' l-gharus taghha.

Hawn it-tfajla kienet tobdi lil omm ir-ragel u lir-ragel taghha u sabet anke iz-zmien biex tassisti mal-morda u taghmel karita' mal-foqra.

Id-destin ried li r-ragel taghha wara tlett snin zwieg imut. Tora ghaldaqstant irritornat ghand il-genituri taghha meta kellha hmistax-il sena, li f'mohhom kellhom zwieg iehor vantaggjuz ghal binthom.
Imma din id-darba Tora tant irribellat kontra missierha li hasbuha qed tiggennen.

Inkoraggita minn korrispondenza li kienet izzomm ma' Santa Katerina minn Siena li maghha ltaqghet darbtejn gewwa Pisa, qatghet xaghraha, nehhiet il-gojelli prezzjuzi, warrbet l-ilbies taghha eleganti u sabet kenn fil-kunvent ta' San Martin gewwa Pisa. Hawn hi hadet l-isem ta' Kjara.

Il-ġenituri tagħha, imħawda mid-deċiżżjoni ta' binthom u beżgħana li jitilfuha, ħatfuha u ġarrewha lejn darhom fejn żammewha priġuniera.
Din l-istorja bdiet tiġri mal-belt kollha hekk li missierha billi ried jevita kull għajdut, illibera lil bintu u ħallieha din id-darba tidħol fil-kunvent tad-Dumnikani ta' Santa Croce ġewwa Pisa.

Anzi fl-aħħar  għenuha u għamlulha kuraġġ. Iffinanzjaw kostruzzjoni ta' kunvent li ddedikawh lil San Duminku li tiegħu Kjara saret l-ewwel superjura.

Hawn hija għaddiet ħajjitha titlob, u tgħin lil dawk li kien jħabbtu l-bibien tal-kunvent.

Dan baqgħet tagħmlu sas-sena 1420 meta mietet ġewwa Pisa fir-Randan ta' l-istess sena.